**319. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur jipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil Clubs u Assoċjazzjonijiet b'titlu ta' kera jew ċens temporanju, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera jew ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:

Il-proprjetajiet li jinsabu:

1. Strutturi f ‘Pembroke (Malta Red Cross)

2. Dar "Osanna Pia" Triq Mrabat, Sliema (Patrijiet Sależjani)

3. Store at Triq it-Tiġrija, Marsa (Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità Marsa A.D. 1975)

4. 74 Flat 1 & 74A Triq Melita, Valletta (Diabetes Association)

5. Structures at Triq Għar Bittija, Dingli (Għaqda Filantropika Talent, Dingli)

6. Shelters f'Triq il-Kbira, Qormi (Soċjetà Pinto Qormi)

7. Shelters, f'Misraħ tal-Knisja, Luqa (Banda Sant Andrija, Luqa)

8. Shelters f'Triq Sant'Andrija, Luqa (Banda Unjoni, Luqa)

9. Għalqa "tal-Qasab" B'Kara (Iklin Scouts Group)

10. Site & Structures in Triq il-Ferrovija Ħamrun (1st Ħamrun Scouts)

11. Art f'Triq Ħamet Xagħra Għawdex, (Xagħra Scout Group)

12. Art u strutturi f'Pembroke (Boys Scouts & Girl Guides North District)

13. Fond f'Bieb Notre Dame Floriana (Bonsai Cultural Group)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'titlu ta' kera jew ċens temporanju lill-Clubs u Assoċjazzjonijiet, imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

09.07.12